MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 78/2010/1

**Edmond Espedito Mugliett**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dawn huma żewġ appelli, wieħed prinċipali ad istanza tal-intimat Avukat Ġenerali appellant u ieħor inċidentali mir-rikorrent Edmond Espedito Mugliett, minn sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li

permezz tagħha dik il-Qorti laqgħat it-talba tar-rikorrent Edmond Espedito Mugliett u ddikjarat li l-inkarċerazzjoni tiegħu kif ukoll il-pieni pekunarji kif imposti u ordnati mill-Qorti fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru 2010 fl-ismijiet **Direttur Qrati Ċivili v. Edmond Mugliett et** kienu jiksru d-dritt fundamentali tiegħu sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għar-raġuni li tali proċeduri ta' disprezz ma kienux sa dak il-mument pruvati li kienu neċessarji fiċ-ċirkostanzi għall-għan ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2008 u għalhekk illiberatu mill-effetti legali tal-istess sentenza kwantu dawk pekunarji imposti iżda ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent li sar kontrih ksur tal-Artikoli 6, 7 u 14 u l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u billi l-piena ta' karċerazzjoni laħqet ġiet eżegwita fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti ffissat kumpens fis-somma ta' €1,000 skont l-Artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ordnat lill-intimat Avukat Ġenerali jħallas dan il-kumpens lir-rikorrent, bl-ispejjeż kollha a karigu tal-intimat.

**Ir-rikors promotorju tar-rikorrent Edmond Espedito Mugliett**

**2.** Bir-rikors tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2010 ir-rikorrent Edmond Espedito Mugliett talab lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex wara li tagħtih il-miżura provisorja tal-ħelsien tiegħu mill-ħabs, tiddikjara illi l-inkarċerazzjoni tiegħu, u l-pieni pekunarji imposti, kif ordnati mis-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2010, u tad-9 ta' Ġunju 2010 ċitati minnu, jiksru d-drittijiet fundamentali umani tar-rikorrent, sanċiti mill-Artikoli 5, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u takkorda dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa, inkluż il-ħelsien mill-ħabs u l-liberazzjoni minn kull effett legali tal-istess sentenzi u li tiffissa u tordna wkoll il-kumpens xieraq għall-privazzjoni illegali tal-liberta` tiegħu personali skont l-Artikolu 5(5) tal-istess Konvenzjoni; bl-ispejjeż.

**3.** Il-premessi ta' fatt u r-raġunijiet miġjuba mir-rikorrent fir-rikors promotorju tal-ġudizzju in sostenn tat-talbiet tiegħu huma s-segwenti:

"Illi l-esponent ntbaghat il-habs ghal zmien sebat ijiem, u jinsab inkarcerat il-habs Corradin, Malta, in esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet "*Id-Direttur tal-Qrati Civili vs Edmond Espedito Mugliett et.*" (719/2009/1), liema sentenza varjat in parte w ikkonfermat ghall-bqija s-sentenza tal-Prim Istanza, moghtija fid-9 ta' Gunju 2010, u dan wara li r-rikorrent gie akkuzat u instab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, talli ma obdiex sentenza li ghaddiet in gudikat, moghtija mill-istess Prim Awla Qorti Civili fl-ismijijet "*John Patrick Hayman et. vs Edmond Espedito Mugliett et"* fit-2 ta' Gunju 2006, fejn kien gie kkundannat illi *jrodd lura* s-somma ta' Liri Maltin 40,500 flus (u imghaxijet fuq l-istess), f'kont bankarju li kien f'isem "*Edmond Espedito Mugliett and Notary John Hayman",* liema somma giet zbankata mir-rikorrent f'April tas-sena 2001;

"Illi, di piu, s-sentenza fuq imsemmija ordnat illi sakemm r-rikorrent ma jiddepositax l-imsemmi kapital ekwivalenti ghas-somma flus ta' Ewro 94,339.59 jehel ukoll multa ta' tletin Ewro *per diem* a favur il-fondi pubblici tal-Istat;

"Illi fis-sustanza, l-esponent gie inkarcerat u deprivat mill-liberta' personali tieghu minghajr ebda bazi legali u in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea, u senjatament:

**"1. Artikoli 5 u 7 tal-Konvenzjoni**

"Illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi illi ebda telf ta' liberta' personali ma ghandu ikun arbitrarju. L-ewwel zewg rekwiziti biex telf ta' liberta' ma jkunx arbitrarju huma: (a) illi ikun skond xi ligi u (2) illi l-ligi li in forza taghha isir it-telf ta' liberta' ghandha tkun ta' kwalita' adegwata ("*the quality of the law*"). Cioe, ebda ligi ma tista' applikata biex ittellef l-liberta' ta' individwu jekk din ma tkunx, cara, certa u fuq

kollox, wahda li l-konsegwenzi penali ghall-ksur taghha m’humiex espressi u prevedibbli;

“Illi ma jista’ ikun hemm ebda dubju taht il-gurisprudenza tal-Konvenzjoni, illi kull piena li tikkuntempla prigunerija hija piena kriminali, u li hija ghalhekk regolata mill-garanziji rigoruzi tal-artikolu 5, u artikolu 7 (u anki artikolu 6 fl-aspett kriminali tieghu);

“Illi l-artikoli 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ghal ksur taghhom l-esponent gie kundannat li jitlef il-liberta’ personali tieghu ma jindika bl-ebda mod car u definit liema agir jaqa' taht is-sanzjonijiet tieghu. Ghalhekk biss ma jghaddix it-test ta’ "*the quality of the law*" indispensabbli ghall-validazzjoni ta’ prigiunerija skond l-artikolu 5;

“Illi, bl-stess mod, id-disposizzjonijiet tal-ligi fuq imsemmija, bl-ebda mod ma jispecifikaw x’inhi l-piena kontemplata ghall-inadempjenza ta’ sentenza pekunarja ta’ Qorti Civili. Is-sentenza li ikkundannat l-esponent il-habs fil-fatt strahet fuq korp ta' disposizzjonijiet ta’ ligi li ma tghaddix mit-test tal-kwalita’ ta’ ligi rikjesta biex ittellef bniedem mill-liberta’ personali tieghu. Dawn ma jaghtu ebda indikazzjoni ta’ xejn jekk l-esponent jistghax jerga' jigi inkarcerat mill-gdid la darba jiskonta l-piena odjerna, u jekk iva, kemm il-darba jista' jigi mitfuh il-habs. M'hemmx ghalfejn wiehed idum biex jikkontempla l-possibilta' illi fil-futur l-Qorti tintepreta li l-oltragg si repete wara li jeskadi it-terminu ta' xahar. Dan in-nuqqas assolut ta’ definizzjoni f’ligi essenzjalment penali ukoll jikser il-garanzija fundamentali tal ‘kwalita’ tal-ligi penali’ rikjesta sine qua non mill-artikolu 5;

“Illi l-esponent gie privat mill-liberta’ tieghu w inkarcerat in forza ta’ disposizzjonijiet tal-ligi mill-aktar ambigwi w imprecizi li anqas ghandhom il-konfort ta’ xi gurisprudenza kostanti li setghat ikkjarifikathom. Anzi, il-gurisprudenza ta’ Malta s’issa dejjem kienet fis-sens illi l-koerzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenzi ta’ obbligazzjonijiet civili permezz ta’ inkarcerazzjoni ma hiex ammissibbli, per ezempju, il-mandat in factum. Hawn issir riferenza ghall-

kazistika li giet msemmija mill-esponent fil-process ta' difiza tieghu kontra l-akkuzi li taghom gie misjub hati;

“Illi l-kuncett ta' inkarcerazzjoni ghal xi obbligazzjoni ta' natura civili, specjalment pekunarja, huwa tant oborrenti ghad-drittijiet fundamentali illi l-Legislatur Malti abroga l-istitut tal-habs tad-debituri li kien introduca l-Kodici Vilhena. Giet abrogata ukoll il-mandat tal-impediment ta' partenza ghad-dejn civili u dan b'rispett lejn l-liberta' tal-moviment tal-persuna bhala dritt fundamentali. Imma, ghall-kaz fejn ebda Qorti jew tribunal lokali jew esteru sallum ma iddecidiet li l-esponent huwa debitur ta' persuna ohra jew entita' guridika ohra, dan qieghed il-habs! Allura, l-assurdita' illi l-liberta' tal-moviment hija sagra, imma l-liberta' personali mhijiex?

“Illi sentenza tas-6 ta' Dicembru 2010, ippruvat tiddistingwi bejn nuqqas ta' htija ta' disprezz ghan-nuqqas ta’ pagament ta’ somma ta’ flus bhala imghaxijiet min naha l-wahda, u, minn naha l-ohra kaz ta' habs ghal nuqqas ta’ depozitu ta’ somma ta’ flus li ebda Qorti ma qalet s'issa lil min jappartjenu. Skond il-Qorti, l-ewwel hija obbligazzjoni di dare u it-tieni hija obbligazzjoni di fare. Din il-distinzjoni, fil-kaz odjern, barra milli hija mill-aktar artificjali, hija ukoll ghal kollox inutili, billi, skond id-duttrina lokali ta’ zewg sekli, ma tistax tintuza l-koerzjoni tal-habs biex iggieghel id-“debitur” jezegwixxi obbligazzjoni li thallas, trodd lura, tirrestitwixxi, teffettwa pagament, tikkonsenja, tippresta - somma ta' flus. Anki jekk dawn huma danni civili kawzati minn reati kriminali ta' serq. L-esponent qatt ma gie akkuzat ta' serq jew frodi jew hag'ohra kriminali, hlief, u issa, tal-ksur tal-artikoli 997 et seq tal-Kap. 12;

“Illi huwa mill-aktar paradossali li Qorti ma tistax titfa’ persuna l-habs ghal nuqqas ta’ pagament ta’ somma certament dovuta, imma tista’ titfa’ persuna l-habs ghal-depozitu ta’ somma li ebda Qorti ma sabet li hija dovuta. Fic-certezza ta’ debitu ma tistax tmur il-habs, imma fl-incertezza tista’;

“Illi huwa sinifikanti illi ghalkemm fit-trattazzjoni tal-kawzi saret insistenza fuq-il-kazistika lokali dwar l-inapplikabilita’

tal-piena karcerarja ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenzi ta’ natura civili, is-sentenza impunjata tad-disprezz injorat kompletament is-sottomissjonijiet tal-esponent. Fil-kuntest tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni dan in-nuqqas ta' certezza fil-ligi dwar disprezz, jispikka;

“Illi, s-sentenza introduciet ghall-ewwel darba fil-kamp taddisprezz, l-kuncett ta’ ezekuzzjoni alternattiva u "a la carte" ta' sentenza civili ta’ hlas ghall-metodi normali permezz tal-mandati li hemm kontemplati fl-istess kodici procedurali. Illi dina l-innovazzjoni saret billi ghamlet distinzjoni bejn sentenzi civili li jordnaw ir-radd lura ta’ flus minghajr pregudizzju ghad-determinazzjoni finali jekk verament hemmx xi somma dovuta, u bejn is-sentenzi civili li jordnaw il-hlas ta’ flus wara determinazzjoni li tassew hemm dejn civili. Dina hija l-manifestazzjoni tal-ambigwita’ u arbitrarjeta' tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 997 et seq li tivvjola l-artikoli tal-Konvenzjoni;

“Illi kien f’dawn ic-cirkostanzi illi r-rikorrent gie konsenjat il-habs korrettiv ta’ Kordin taht l-istess kondizzjonjiet ta’ persuni li kienu akkuzati jew gew sentenzjati mill-Qrati kriminali, ghal zmien sebat ijiem;

**“2. Artikolu 6**

“Illi fost il-garanziji tas-smigh xieraq hemm dik li kull sentenza ta’ Qorti trid tkun motivata, u trid tindirizza, anke jekk mhux b’mod dettaljat wisq, l-aggravji imqajmin mill-partijiet;

“Illi fost l-argumenti fundamentali imqajjma mid-difiza tal-esponent, kien hemm id-dottrina legali kostanti segwita minn dawn il-Qrati, illi Qorti Civili ma tistax torbot l-adempiment ta’ obbligazzjoni pekunjarja civili ma’ sanzjoni ta’ natura kriminali bhall-karcerazzjoni. Is-sentenza li baghtet lill-esponent il-habs, ma qalitx illi ma qablitx ma' din il-gurisprudenza u tat xi ragunijiet biex tiddiparti minnha – semplicement, injoratha. Hija vjolazzjoni tal-artikolu 6 li sentenza (aktar u aktar wahda li tibghat in-nies il-habs) ma tikkunsidrax u ma tirrispondiex ghall-sottomissjoni importanti ta’ wahda mill-partijiet;

**“3. Artikolu 7 (l-aspett retroattiva)**

“Illi dan l-artikolu jipprotegi lill-individwu kontra zewg illeciti (1) l-applikazzjoni retroattiva ta’ ligi penali u (2) l-applikazzjoni ta’ sanzjoni penali (bhall-habs) in forza ta’ ligi ambigwa li l-konsegwenzi penali taghha ma humiex espressi b’mod car u prevedibbli. Il-Konvenzjoni ma tridx li xi att jigi kunsidrat kriminali **wara** li jigi kommess, permezz ta' interpretazzjoni usa' u gdida ta' ligi ambigwa f’dak issens. Kull persuna ghandha jkollha preavviz car, fil-mument li qeda taghmel att, li dak li qeda taghmel huwa punibbli bil-habs. Mhux issir taf wara. L-artikolu 5 ghandu wkoll dettami f'dan is-sens - "*an obligation prescribed by law*";

**“4. L-Artikolu 1 tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni**

“Illi ebda persuna m’ghandna tircievi trattament ta’ habs ghax sempliciment ma ottemperatx ruhha ma’ kundanna ta’ Qorti Civil illi thallas, tippresta, tirrestitwixxi jew trodd, ecetera …, flus, minghajr ma tigi stabilita "*a priori*" u bil-provi l-abbilita’ finanzjara tieghu. Fil-kaz odjern hemm vjolazzjoni ta’ dan l-artikolu ghax il-ligi tad-disprezz, uzata f'dan il-kaz biex tibghat lil-esponent il-habs, ma tikkontemplax ezami tal-abbilita’ finanzjarja tad-debitur, u fi kwalunkwe kaz l-Qorti fl-ebda mument ma investigat dan l-aspett li huwa determinanti fid-dawl ta’ dan l-artikolu;

“Fil-kaz odjern, l-artikoli 997 et seq tal-Kap. 12, intuzaw sabiex jinnewtralizzaw u jxejjnu d-divjet sancit mill-art.1 tar-raba Protokoll;

**“5. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, marbut mal-Artikoli 5 u 7**

“Illi dan l-artikolu ighid testwalment:

*““The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion,*

*political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status."*

"Illi ebda persuna, barra r-rikorrent, fl-istorja guridika ta' Malta, qatt ma giet misjuba hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghax naqset milli tobdi sentenza ta' Qorti Civili dwar somma ta' flus. Il-persuni setghu u kienu jintefew il-habs **biss** taht l-istitut tal-habs ghad-debituri, abrogat hafna snin ilu kif ga inghad. Dan huwa fatt inkontestabbli u ben maghruf. L-esponent, li ghad m'hux debitur accertat ta' centezmu wiehed, qieghed il-habs, mentri debituri accertati ta' mijiet tal-eluf, isiefru, jduru u qatt ma ntefew u ma jistghux jinghataw gurnata habs b'operat ta' Qorti Civili;

"Illi f'Malta m'hemm ebda mezz kif debitur kanonizzat li jrid ihallas flus lill-persuna privata ohra, jigi minaccjat bil-biza' tal-habs jew mitfugh il-habs. Hemm gurisprudenza li tikkonferma dan il-fatt, u meta xi darba kreditur ta' somma ittanta jinqeda bl-istitut tad-disprezz biex igieghel persuna thallas, dejjem gie rifjutat fuq bazi dikjarat ripetutament illi l-istitut tad-disprezz mhux mezz ta' ezekuzzjoni. Ir-rikorrent huwa l-uniku persuna li ntefa' l-habs min Qorti Civili ghax m'adempiex obbligazzjoni pekunjarja;

"Illi ebda kreditur kanonizzat qatt ma inghata l-privilegg li jesegwixxi sentenza ta' flus billi jitfa' l-avversarju tieghu l-habs. Is-sentenza impunjata tikkostitwixxi diskriminazzjoni lampanti li tahdem favur xi atturi u mhux favur ohrajn, u tahdem kontra xi konvenuti u mhux kontra ohrajn;

"Illi mehuda flimkien dawn l-Artikoli tal-Konvenzjoni, huwa manifest illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, protetti mill-Konvenzjoni, gew mkasbra;".

**Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali**

**4.** Illi fir-risposta tagħhom tas-6 ta' Jannar 2011 l-Avukat Ġenerali irribatta dettaljatament il-pretensjonijiet tar-rikorrent appellant u għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tiegħu sostna li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet

fundamentali tar-rikorrent appellant imħarsa bl-Artikoli 5, 6(1) 7(1) u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u bl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni u konsegwentement talab lill-Qorti tirrespinġi r-rikors promotorju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Is-sentenza appellata.**

**5.** Wara li esponiet il-fatti, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar id-diversi artikoli tal-Konvenzjoni li allegatament ġew miksura. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu li ġejjin:

**"Artikolu 5 abbinat mal-artikolu 1 tar-raba Protokoll tal-**
**Konvenzjoni Ewropeja**

"Ir-rikorrenti qed jallega illi gie vjolat lilu d-dritt ghall-liberta' mill-kancerazzjoni taht dan l-artikolu. Hu qed jallega li t-telf ta' liberta' tieghu kienet arbitiarja u mhux in forza ta' ligi ta' kwalita adegwata anzi tali telf ta' liberta' sar in forza ta' ligi mill-aktar ambigwa w impreciza li anqas ghandha l-konfort ta' gurisprudenza kostanti. Hu jsostni li karcerazzjoni ghal sentenzi rigwardanti obbligazzjonijiet civili specjalment pekunjarji bhala mezz ta' koerzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza hi in ammissibbli.

"L-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jghid hekk:

*"(1) Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:*

*"(a) The lawful detention of a person after conviction by a competent Court;*

*"(b) The lawful arrest or detention of a person for noncompliance with the lawful order of a court or in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law;"*

“Dawn is-subincizi tal-artikolu 5(1) huma limitati bl-ewwel artikolu tar-raba Protokoll tal-Konvenzjoni li jghid hekk:

*“(1) Prohibition of imprisonment for debt. No one shall be deprived of his liberty merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation.*

“Hu indubitat illi l-origini tal-ilment tar-rikorrenti jinsorgi millistitut innifsu tad-disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti u senjatament f’dan il-kaz partikulari d-disprezz civili u mhux kriminali, kif jirrizulta mill-artikolu 988 sa 1003 tal-Kap. 12.

“Fid-duttrina taghna disprezz civili jsehh meta xi hadd jonqos li jottempera ruhu ma’ ordni tal-Qorti jew weghda maghmula lill-Qorti. It-Titolu XVII tal-Kap. 12 fejn jinsabu l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija jirriferi ghal atti hemm indikati li jsiru b’disprezz lejn il-Qorti kemm *in faciem curiae*, kemm fi skritturi prezenti fil-varji proceduri u kemm lill-istess Qorti u lill-ufficjali taghha fuq ordnijiet taghha filproceduri minnha ordnati. Hemm diversi artikoli tal-ligi imbaghad li jirriferu direttament ghal ordnijiet tal-Qorti li jekk miksura jwasslu ghal pieni kontemplati mill-ligi flimsemmija artikoli fuq citati, pieni li huma ta’ natura kriminali. Din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 290 dwar il-konsenjatarju, artikolu 645 dwar il-perit gudizjarju, artikolu 877 dwar il-hrug ta’ minuri barra l-gzejjer kontra projbizzjoni, artikolu 923 dwar l-ghajnuna legali. L-azzjoni tad-disprezz hi wahda sui generis ghax ghalkemm mehuda quddiem Qorti Civili kif trid il-ligi billi l-vjolazzjoni tkun saret fil-konfront ta’ artikolu tal-Kodici Civili li jirregola l-procedura pero l-procediment fih innifsu hu ta’ indoli kriminali.

“Il-kwistjoni li insorgiet f’din l-istanza pero mhix dwar in-natura tal-azzjoni per se izda aktar hi jekk sentenza tal-Qorti li marret in gudikat hix suxxettibbli ghal proceduri ta’ disprezz u jekk fl-affermattiv hix konformi mal-konvenzjoni Ewropea fl-artikoli citati mir-rikorrenti.

“Hi l-fehma tal-Qorti illi sentenza tal-Qorti hi ordni fiha nfisha. Wara kollox kull sentenza li tmur in gudikat hi

gheluq ta' vertenza bejn il-partijiet u li dwarha l-Qorti tkun tat ordnijiet specifici bejn il-partijiet ghal dik il-vertenza.

"Hu minnu wkoll ma jirrizultax b'mod esplicitu jekk il-Qorti ghandhiex il-jedd, wara l-gheluq tal-vertenza b'distinzjoni ghal dawk il-vertenzi intizi biss biex jirregolaw u jissalvagwardaw il-komportament tal-partijiet pendenti ezitu fuq il-mertu bhal ma huma l-mandati kawtelatorji, li terga' tigi msejha biex tiehu passi permezz tal-proceduri tad-disprezz sabiex jigi assikurat li d-debitur jew issokkombenti fil-vertenza deciza jaghmel dak ordnat lilu bis-sentenza.

"Il-Qrati taghna ma jidhrux li huma konformi fuq din il-kwistjoni ghalkemm ma jirrizultax li giet trattata hlief fi ftit kazijiet."

**6.** Illi wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet premessi l-ewwel Qorti għaddiet biex tagħmel rassenja tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fuq il-kwistjoni li aċċennat għaliha fis-sentenza u imbagħad kompliet tagħmel il-kunsiderazzjonjiet li ġejjin dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni:

"L-artikolu 997 tal-Kap. 12 ighid testwalment "Fi procedimenti istitwiti ghal att jew omissjoni li tammonta ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti …"

"F'dan is-sens din il-Qorti tqis li l-artikolu 997 fejn isemmi procedimenti dwar att jew ommissjoni li jwassal ghal disprezz hu ampju bizzejjed fit-tifsira tieghu ghax ma hu limitat b'ebda mod li jwassal biex persuna li tonqos li tobdi sentenza tal-Qorti tista' f'cirkostanzi idonei tigi privata millliberta' taghha. Certament sentenza tal-Qorti hi l-epitomija ta' ordni espressa minnha li ghandha l-forza ta' ligi bejn il-partijiet u min jonqos li jottempora ruhu ma' dik l-ordni jista' jigi punit ghal tali nuqqas, ghax hadd ma ghandu jahseb li hu 'l fuq mill-ligi.

"Applikat dan ir-ragunament wiehed irid pero jara l-limiti li jistghu jkunu hemm fuq dan l-ezercizzju tal-poteri tal-Qorti

u jara jekk fil-kaz partikolari kienx hemm ksur taht il-Konvenzjoni Ewropea.

“L-artikolu 5(1)(a) jippreciza li d-detenzjoni ghandha tkun legali mhux il-kundanna cioe li d-detenzjoni qed temana minn ligi u imposta minn Qorti bil-poter li timponi tali kundanna. F’dan il-kaz il-ligi taghna fl-artikolu 997 hi miftuha bizzejjed li tpoggi persuna li jikkommetti att jew omissjoni in vjolazzjoni ta’ sentenza tal-Qorti li marret in gudikat f’posizzjoni potenzjalment esposta ghal proceduri ta’ disprezz kontriha, skond l-artikolu 997. F’dan is-sens id-detenzjoni hi wahda legali, cioe skond il-ligi b’Qorti li ghandha gurisdizzjoni tisma’ u tiddecidi tali kawza u fl-ispirtu tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni fejn id-detenzjoni qeghda tigi imposta ghax persuna tkun naqset li tobdi l-ordni skond is-sentenza tal-Qorti.

“Pero hawn il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq il-proceduri civili ghal disprezz in kwantu jirrigwarda sentenzi tal-Qrati li marru in gudikat. Hu assjomatiku illi lessenza tal-artikolu 5 hu li jipprotegi l-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Anki detenzjoni legali taht ligi nazzjonali tista’ f’certi cirkostanzi tkun arbitrarja. Kif ighid lawtur Jacobs, White and Ovey fil-ktieb “The European Convention on Human Rights” (5th Edition):

*““Detention should be seen as a remedy of last resort and lesser measures must be considered and found to be insufficient to safeguard either the individual or the public interest”.*

*“When the detention is for the purpose specified under article 5(1)(b), (d) or (c) the notion of arbitrariness requires an assessment to be made of the necessity of detention for the stated aim”.*

“Fil-ligi Ingliza li ghandhom ligi *ad* hoc dwar id-disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti cioe ‘Contempt of Court Act 1981’ u tqis sentenzi tal-Qrati bhala suxxettibbli ghal disprezz fejn l-ordni fis-sentenza hi li s-sokkombent jaghmel xi haga jew jastjeni jew jieqaf milli jaghmel xi haga, ukoll stabbiliet parametri fejn jista’ jintuza l-mezz tad-disprezz wara lpronunzjament ta’ sentenza li marret in gudikat.

"Kif ighid l-awtur C.J. Miller fil-ktieb "Contempt of Court" (Third Edition):

*""One general point must be emphasised with respect to such positive or mandatory orders. That is that the power to commit for contempt will be used only in an extreme case and where it is necessary to make the order effective".*

"Din il-Qorti tqis li dawn l-insenjamenti juru illi hu essenzjali ghaz-zamma tal-ordni pubbliku li l-Qrati jidhru bil-mezzi li taghti il-ligi li huma fil-pozizzjoni li jaghmlu gustizzja skond il-ligi u li hadd ma ghandu jabbuza impunement. Kif ighid l-awtur C.J. Miller:

*""Civil contempt of Court exists thereofe to provide the ultimate sanction against a person who refuses to comply with the order of a properly constituted Court ... but as Lord Diplock has recognised there is also an element of public policy in punishing civil contempt, since the administration of justice would be undermined if the order of any Court of Law could be disregarded with impunity" (chapter 1.07).*

"Pero mill-banda l-ohra bilanc irid jinholoq bejn dan id-dritt tal-Qrati moghti bil-ligi b'mod miftuh u kwazi inkondizzjonat taht l-artikolu 997 tal-Kap. 12 u d-dritt fundamentali tal-liberta' tal-bniedem, dritt li ma jistax jigi mnehhi jekk mhux f'cirkostanzi eccezzjonali specjalment meta wiehed qed jitkellem fuq non osservanza ta' obbligi civili.

"Mehudin dawn il-principji ghal pozizzjoni nostrana u l-kaz in kwistjoni l-Qorti qabel xejn tirrileva illi dan il-kaz ma jaqax fl-eccezzjoni ghad-detenzjoni skond l-ewwel artikolu tar-raba Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jipprekludi d-detenzjoni ghal inabilita' li debitur jattwa att jew obbligazzjoni kontrattwali. Il-kaz prezenti jinkwadra ordni tal-Qorti biex ir-rikorrenti Mugliett irodd lura somma flus li hu kien zbanka minn kont bankarju u jpoggihom lura fl-istess kont jew kont iehor fl-ismijiet tal-kontendenti f'dik

il-kawza. Hu ma giex dikjarat debitur imma l-ordni tal-Qorti ordnatlu biex hu jaghmel xi haga, f’dan il-kaz ipoggi lura lflus li hu ha, hadhom minn fejn hadhom, minghajr pronunzjament tal-Qorti tal-istess Mugliett bhala debitur f’obbligazzjoni kontrattwali verso terz, ghalkemm l-iskop ta’ tali ordni hu precizament biex il-Qorti fi stadju iehor, fi proceduri ohra tiddikjara min hu t-titolari ghal tali somma flus. Ghalhekk dan mhux kaz ta’ ottemperament ma obbligazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrenti u terzi fejn tidhol il-kwistjoni ulterjuri ta’ inabilita’ li d-debitur jottempora ruhu maghha.

“Il-Qorti tirreferi ghal kawza George Demanuele vs Philip Azzopardi et (App. Civ. 27/06/1997) fejn fi kwistjoni ta’ nuqqas ta’ depozitu da parti ta’ sekwestrat wara sentenza l-Qorti qalet li dan mhux kaz ta’ hlas ta’ debitu izda ta’ ordni tal-Qorti u kwindi suxxettibbli ghal proceduri ta’ disprezz.

“Din il-Qorti tirrileva illi d-detenzjoni, u/jew imposizzjoni ta’ multa, iktar u iktar dik ghal disprezz fi proceduri civili wara sentenza li marret in gudikat ghandha tigi mposta b’cirkospezzjoni u f’sitwazzjonijiet fejn, kif intqal aktar ‘l fuq meta hu biss necessarju ghall-ghan mixtieq.

“Jigi rilevat illi primarjament darba li l-Qorti tkun iggudikat fuq il-mertu sta ghal partijiet f’dak il-gudikat li jenforzaw iddrittijiet u/jew obbligi naxxanti minn tali gudikat billi dan jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet in forza ta’ titolu ezekuttiv stabbilit bl-istess sentenza sabiex il-kreditur jinfuza dak gudikat. L-artikolu 252 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 jaghti diversi rimedji permezz ta’ mandati ezekuttivi diversi kif kreditur jista’ u ghandu jesekwixxi titolu ezekuttiv biex jiehu dak mirbuh b’sentenza tal-Qorti.

“Hu f’dan l-isfond li l-Qorti ghandha ttimmisura l-poter moghti lilha fil-proceduri tad-disprezz. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li mhux biss l-intimat ghandu jinghata f’dawn ilproceduri ta’ disprezz id-drittijiet akkordati lill-akkuzat fi proceduri ta’ natura kriminali mehuda kontrih ghalkemm flambitu ta’ kawza civili (ara artikolu 998 tal-Kap. 12), li in dubbjament f’dan il-kaz inghata bl-opportunita’ kollha li

jiddefendi ruhu mill-akkuza bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi bi dritt li anki jmur fil-Qorti tal-Appell, izda li jrid jigi ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-kreditur ipprova jgieghel liddebitur jottempera ruhu mas-sentenza tal-Qorti bilmandati esekuttivi disponibbli ghalih biex jiehu dak ordnat mill-Qorti u illi nonostante dan, dawn il-mezzi rrizultaw ineffikaci jew mhux idonei fic-cirkostanzi biex id-debitur jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti. Kieku ma kienx hekk, isir facli ghal kreditur li jitlob li jittiehdu passi ghal disprezz semplicement ghax id-debitur naqas li jottempera ruhu mas-sentenza tal-Qorti, minghajr ma jipprova, ghax wara kollox lilu l-aktar li jinteressa, li jesegwixxi dak li l-Qorti ordnat li ghandu jsir fir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet f'dik il-vertenza wara li tali vertenza tkun giet definittivament maghluqa. Kull kaz irid jittiehed singulatem biex jigi accertat fic-cirkostanzi partikolari jekk kreditur ipprovax bil-mezzi disponsibbli jezegwixxi s-sentenza biex jiehu dak mirbuh.

“F'dan il-kaz partikolari, ghaliex kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu, ma jidhirx li l-Qorti ghamlet ebda ezami simili qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha li d-disprezz gie ppruvat u b'hekk ghandha tasal ghal sentenza ta' detenzjoni. F'dan is-sens hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess Qorti kienet intempestiva fil-kundanna u ghalhekk illediet id-dritt fundamentali tar-rikorrenti tal-liberta' mid-detenzjoni.

“Dan ma jfissirx b'daqshekk illi r-rikorrenti jew kull persuna ohra li jigi ordnat jaghmel xi haga jew jiddesisti milli jaghmel xi haga b'ordni tal-Qorti f'sentenza li marret in gudikat jista' jevita proceduri ta' disprezz b'impunizzjoni. Ordni tal-Qorti ma tistax tigi evitata jew injorata, u l-istess japplika ghar-rikorrent odjern.

“Kif intqal mill-Qorti fil-kawza Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina (PA 25.09.2003) 'xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ippruvata, minn min qieghed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti', anki jekk hu rrilevanti jekk il-persuna mixlija tqis l-ordni moghtija bhala wiehed korrett jew le u din il-Qorti zzid li tali xilja ta' disprezz u konsegwenti kundanna timxi 'l

quddiem meta jintwera li hi necessarja biex l-ordni jigi effetwat. F'dan il-kaz naqas li jigi ppruvat l-element tannecessita li jittiehdu l-proceduri tad-disprezz billi l-mezzi esekuttivi li taghti l-ligi lil kredituri biex Edmond Mugliett jigi mgieghel irodd is somma ta' Lm40,500 irrizultaw ineffikaci stante n-nuqqas tieghu li jottempera ruhu volontarjament mas-sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2008.

"Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti pero illi l-kwalita' tal-ligi cioe l-artiklu 997 tal-Kap. 12 mhix adegwata biex persuna tkun tista' ragonevolment tipprevedi l-kunsegwenza ta' nuqqas ma ottemperament ma' ordni ta' Qorti f'sentenza. Semmai dan l-artikolu kif inhu redatt jeccedi fl-estenzjoni tieghu u mhux fuq il-limiti tieghu u ma hu ta' ebda ambigwita jew incertezza. Pero kif intqal aktar il-fuq tali artikolu ghandu jigi interpretat u applikat tenut kont tal-bilanc li jrid jinholoq bejn l-ordni pubbliku, ir-rimedji accessibbli lil kreditur u d-dritt fondamentali tal-bniedem ghal liberta'."

**7.** Inkwantu għall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

**"Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

"Ir-rikorrenti qed jilmenta wkoll illi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq gie mittiefes taht l-artikolu 6 peress illi l-Qorti ma kkonsidratx l-ilmenti kollha tieghu li hi gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin li ma tistax torbot l-adempiment ta' obbligazzjoni pekunjarja civili ma' sanzjoni ta' natura kriminali. Apparti l-fatt li r-ragunament tal-Qorti tal-Appell biex waslet ghas-sentenza taghha mhux wahedha raguni ghall-invokazzjoni tal-artikolu 6, dak li hu importanti hu illi l-Qorti tat id-dritt lir-rikorrenti ghal smigh pubbliku minn Qorti imparzjali w indipendenti, bi zmien biex jipprepara ddifiza tieghu ghal akkuza cara, bid-dritt li jkun rapprezentat u li jtella' l-provi li jidhirlu necessarji ghad-difiza tieghu u bi dritt ta' appell minn tali sentenza. Jekk r-rikorrenti ma qabilx mas-sentenza ghar-ragunijiet moghtija, avolja anki jekk ghal grazzja tal-argument ma

dahlitx funditus fl-ilmenti kollha sollevati mir-rikorrent, ma jfissirx li gie lez lilu xi dritt ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.”

**8.** Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 7 l-ewwel Qorti kkunsidrat:

**“Artikolu 7 tal-Konvenjoni**

“Ir-rikorrenti wkoll jilmenta li gie kkundannat in forza ta’ ligi ambigwa li l-konsegwenzi penali taghha mhix espressa b’mod car u prevedibbli, ai termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti tqis li l-offiza kif imsemmija fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni mhix ta’ natura kriminali kif donnu qed isostni r-rikorrent izda l-procediment biss li hu. Il-proceduri u konsegwenti kundanna ittiehdu u saru taht l-artikolu 997 tal-Kap. 12 u mhux taht ebda ligi kriminali u ghalhekk dan l-artikolu mhux relevanti biex jigu mistharrga lezjonijiet ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

“L-artikolu 7 jikkoncerna l-ligi kriminali sostantiva intiz biex il-ligi kriminali ma tigix estiza biex tikkriminalizza atti jew omissjonijiet li ma kienux illegali fi zmien li sehh l-att jew l-omissjoni jew tizdied piena retroattivament. Hi l-ligi kriminali li trid tkun definita b’mod car taht dan l-artikolu. Dan il-kaz ma jitrattax ligi kriminali”

**9.** Fl-aħħarnett, dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

**“Artikolu 14 tal-Konvenjoni**

“Fl-ahharnett ir-rikorrenti jilmenta wkoll li gie diskriminat fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tieghu skond l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni ghax ebda persuna ohra qatt ma giet kundannata ghal disprezz ghax naqset li tobdi sentenza ta’ Qorti Civili dwar somma ta’ flus.

“Din il-Qorti tqis tali ilment bhala frivolu billi kif gia inghad il-ligi qeghda hemm taht l-artikolu 997 u l-fatt li sallum jista’ jkun ma gietx applikata fic-cirkostanzi li l-Qorti hi tal-

opinjoni li ghandha tapplika ma jfissirx b'daqshekk li r-rikorrenti gie diskriminat. Inoltre dan ma kienx kaz, kif qed jigi allegat, ta' hlas ta' debitu pekunarju izda ta' radd lura ta' oggett, f'dan il-kaz somma flus, li zbanka r-rikorrenti minn kont bankarju u jerga' jitpogga fil-kont bankarju li minnu ngibdu jew kont iehor gdid bil-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti. Din kienet ordni cara tal-Qorti li rrikorrenti kellu u ghandu jobdi, altrimenti jista' jaqa' fil-konsegwenzi tal-artikolu 997 tal-Kap. 12. Il-mertu tal-kwistjoni cioe min hu l-proprjetarju tas-somma ta' flus baqa' mhux mittiefes. Ghalhekk anki f'dan il-kaz ma sar ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Apparti dan din il-Qorti mhix teskludi a priori li sentenza dwar hlas ta' dejn ma jistax f'cirkostanzi idonei ikun suxxettibbli ghal proceduri ta' disprezz. Infatti l-artikolu 1 tar-raba' Protokoll jillimita d-divjet id-detenzjoni f'kaz biss ta' inabilita' li wiehed jadempixxi ma obbligazzjoni kontrattwali minghajr ma jeskludi hlas ta' somma minn tali obbligazzjoni."

**10.** L-ewwel Qorti imbagħad iddisponiet mill-kawża kif fuq ingħad[1].

**L-appell prinċipali tal-intimat Avukat Ġenerali**

**11.** L-intimat Avukat Ġenerali ħassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Frar 2011 u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors tat-28 ta' Frar 2011 li bih talab li filwaqt li tinżamm sħiħa dik il-parti tas-sentenza appellata safejn din tiċħad l-ilment tar-rikorrent appellat taħt l-Artikoli 6, 7 u 14 u l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tħassar u tannulla l-kumplament tas-sentenza fejn tiddikjara li r-rikorrent appellat ġarrab leżjoni u tiddikjara minnflok illi l-aġir tal-appellant ma illediex l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**12.** L-aggravju tal-appellant sostanzjalment jikkonsisti unikament filli jilmenta li l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ghaliex irriteniet li l-ordni ta'

[1] Ara sezzjoni markata 1 u intestata "Preliminari" f'din is-sentenza.

inkarċerazzjoni ma kienx neċessarju kif meħtieġ li jkun skont l-istess artikolu peress li ma ġiex sodisfaċentement pruvat li l-kreditur ipprova jġiegħel lid-debitur jottempra ruhu mas-sentenza tal-Qorti bil-mandati esekuttivi disponibbli għalih meta skont l-appellant kien ikun għal kollox inutili li jsir tentattiv li jintużaw il-mandati esekuttivi msemmija għaliex dawn kienu ineffikaċi fil-fattispeċi tal-każ li jikkonċernaw ir-ritorn ta' flus mhux fuq il-bażi ta' "drittijiet kreditorjali" iżda sabiex il-proċeduri quddiem il-qrati jkunu jistgħu jissoktaw sakemm jiġi stabbilit lil min kienu jappartjenu l-flus inkwistjoni; skont l-appellant il-Qorti kkundannat lir-rikorrent ghall-inkarċerazzjoni għad-disprezz biss għaliex ma kienx hemm mezz ieħor kif seta' jiġi persważ sabiex jobdi l-ordni mogħti fil-konfront tiegħu.

**Ir-risposta għall-appell u l-appell inċidentali tar-rikorrent Edmond Espedito Mugliett**

**13.** Fir-risposta tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 Edmond Espedito Mugliett wieġeb għar-rikors tal-appell billi beda biex issottometta li salv l-aggravji tiegħu li kien ser jissolleva fl-appell inċidentali tiegħu, is-sentenza apellata kienet waħda ġusta u li timmerita konferma u segwa billi intavola appell inċidentali mis-sentenza appellata.

**14.** L-aggravji ta' Edmond Espedito Mugliett fl-appell inċidentali tiegħu jistgħu jiġu rikapitulati kif ġej.
**15. L-ewwel aggravju** hu dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li ssib vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u f'dan ir-rigward ir-rikorrent appellant jilmenta li:

(a) l-istess artikolu jirrikjedi li ħadd ma jista' jinstab ħati ta' ksur ta' liġi li mhijiex prevedibbli u dan ifisser li l-liġi trid tispeċifika l-konsistenza tal-att "ta' offiża" u fejn il-liġi tkun ġenerika "l-elementi tal-offiża huma previdibbli għax tkun teżisti sensiela ta' każistika nazzjonali li tistabilixxi l-elementi li jinkorpora r-reat, li bih, tiġi akkużata persuna" mentri l-ewwel Qorti ma setgħetx issemmi kaz ta' disprezz wieħed dwar sentenza li wieħed jippresta somma ta' flus;

(b) bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Diċembru 2010 l-Artikolu 997 tal-Kodiċi ta' Proċedura

Ċivili ġie estiż oltre l-parametri magħrufa tiegħu u b'hekk saret vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni billi ġew introdotti prinċipji ġodda retrospettivament jew *post reato*.

16. **It-tieni aggravju** huwa dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni peress li r-rikorrent appellant isostni li skont l-istess artikolu ħadd ma jista' jintbagħat il-ħabs mill-qrati għas-sempliċi raġuni li ma jkunx jista' jħallas dak li kellu jagħmel skont l-obbligi kontrattwali assunti minnu anki wara li l-kreditur ikun ikkanonizża dan il-ħlas b'sentenza tal-qrati ċivili u dan peress li skont ir-rikorrent appellant il-Konvenzjoni tuża l-kelma "kontrattwali" sabiex teskludi l-isfera ta' pieni kriminali.

17. **It-tielet aggravju** jindirizza l-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dwar dan ir-rikorrent appellant jilmenta li fil-fatt saret diskriminazzjoni kontra tiegħu billi s-sejbien ta' ħtija tad-disprezz ġiet msejsa fuq l-assunzjoni żbaljata li s-sentenza ċivili għall-ħlas ta' madwar €90,000 ma kinitx kundanna "*di dare*" iżda "*di fare*" u dan meta qatt qabel ma kien ħadd intbagħat il-ħabs għax ma ottemprax, volontarjament jew involontarjament, ma' ordni jew sentenza pekunarja ċivili.

18. **Ir-raba' aggravju** jilmenta dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 meta skont ir-rikorrent appellant ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta r-regoli tal-*prima facie* ta' proċess kawtelatorju jiġu applikati fi proċess petitorju u dan għaliex ir-rikorrent appellant isostni li s-sentenza li minnha jilmenta kienet effettivament waħda kawtelatorja u mingħajr preġudizzju għall-proċess ta' determinazzjoni ta' min huwa kreditur jew proprjetarju tas-somma flus inkwistjoni.

19. **Il-ħames aggravju** jidher li jilmenta mill-fatt li għall-istess raġunijiet li sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 5 l-ewwel Qorti messha sabet ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 6 abbinat mal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni "dato li b'mod forsi imperfett", jfissru xi jfissru dawn l-aħħar kliem.

**Fatti tal-kawża**

**20.** Il-proċeduri tal-lum għandhom l-oriġini tagħhom fil-fatt li r-rikorrent Edmond Espedito Mugliette kellu kont bankarju konġunt man-Nutar John Hayman li miet f'April 2004 u ftit siegħat wara li miet in-Nutar ir-rikorrent Mugliett ġibed mill-kont imsemmi l-ammont ta' Lm40,500 u dan minghajr ma nforma lill-Bank bil-mewt tan-Nutar Hayman u mingħajr ma kellu l-kunsens tal-eredi tal-istess Nutar. L-eredi tan-Nutar Hayman sussegwentement fetħu proċeduri kontra r-rikorrent Mugliette fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ddeċidiet il-kawża bis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ġunju 2006 billi kkundannat lil Mugliette jiddepożita lura fil-kont bankarju inkwistjoni s-somma li kien irtira mill-kont flimkien mal-imgħax fuq l-istess ammont. Dik is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2008 li ddikjarat l-appell ta' Mugliette frivolu u vessatorju.

**21.** Peress illi Mugliett baqa' ma ottemprax ruħu mal-ordni tal-Qorti mogħti fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Ġunju 2006 u konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ġunju 2008 l-eredi tan-Nutar Hayman b'rikors tat-13 ta' Ottubru 2008 quddiem il-Qorti tal-Appell talbu li jittieħdu proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kontra l-istess Mugliett. Il-Qorti tal-Appell b'digriet kamerali tat-3 ta' April 2009 laqgħet it-talba u ordnat lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali fil-kwalita` tiegħu ta' Reġistratur tal-Qorti sabiex jipproċedi kif mitlub u ċioe` sabiex jinizzja l-proċeduri għal disprezz kontra Mugliett.

**22.** B'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ġunju 2010 Mugliett instab ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti peress li kien naqas milli jottempra ruħu mal-ordni tal-Qorti fuq imsemmi u din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-6 ta' Diċembru 2010.

**23.** Fil-frattemp fl-1 ta' Jannar, 2009, daħal in vigore l-Artikolu 388A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe`, il-mandat *in procinctu* u fis-16 ta' Frar, 2009 (u ċioe` qabel

inbdew il-proċeduri għad-disprezz) l-eredi tan-Nutar Hayman ippreżentaw rikors għall-ħrug ta' mandat *in procinctu* (379/2009) quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li fih talbu illi tinbiegħ f'subbasta d-dar ta' Mugliett, "Rose Cottage", Karm Galea Street, B'kara, taħt id-diriġenza tar-Reġisratur tal-Qorti sabiex ir-Reġisratur mir-rikavat tas-subbasta jiddepożita s-somma ta' Lm40,500 u l-imgħaxijiet, u dan skont u in esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju, 2006, u jekk ikun hemm bilanċ mir-rikavat tas-subbasta, ir-Reġisratur jagħtih lil Mugliett.

**24.** Mugliett għamel diversi tentattivi b'mezzi ordinarji kif ukoll bi proċeduri kostituzzjonali sabiex il-mandat imsemmi jiġi impunjat iżda dawn ma kellhomx suċċess u l-proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta tal-fond imsemmi jidher li qieghdin issa jkomplu jieħdu l-kors tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-appell prinċipali tal-Avukat Ġenerali*

**25.** Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra l-appell prinċipali tal-Avukat Ġenerali u wara tgħaddi, jekk meħtieġ, biex tikkunsidra l-appell inċidentali tar-rikorrent Mugliett.

**26.** Essenzjalment l-Avukat Ġenerali jilmenta mis-sentenza appellata għaliex isostni li l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għaliex skont dik il-Qorti qabel ma l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lir-rikorrent Mugliett għall-piena ta' priġunerija għall-ħtija ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ma ntweriex li ma kienx hemm mezzi oħra sabiex tiġi esegwita l-ordni tal-Qorti li ma kinitx ġiet obduta minn Mugliett. L-Avukat Ġenerali jsostni li dak pretiż mill-ewwel Qorti kien ikun eżerċizzju għal kollox inutili peress li l-mandati eżekuttivi fil-Kap. 12 maħsuba fl-Artikoli 252 *et. seq.* huma ineffikaċi fil-każ odjern peress li l-ordni tal-Qorti inkwistjoni għar-ritorn tas-somma flus irtirata mill-bank ma hijiex bażata fuq id-drittijiet ta' xi kreditur iżda kienet intiża sabiex il-proċeduri legali jkunu jistgħu jkomplu jieħdu l-kors tagħhom.

**27.** Jibda biex jingħad, qabel xejn, li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-fattispeċi tad-detenzjoni f'dan il-każ ma jinkwadrawx f'dak provdut fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi li:

"Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċità tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali."

u din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Di fatti d-detenzjoni ta' Mugliett ordnata mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kif konfermata mill-Qorti tal-Appell ma kinitx minħabba fl-inkapaċita` tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali. Id-detenzjoni ġiet ordnata minħabba n-nuqqas ta' Mugliett li jikkonforma ruħu mal-ordni ta' Qorti intiża sabiex jiġi ripristinat l-istat ta' legalita` li kien ġie arbitrarjament u unilateralment disturbat mill-istess Mugliett bl-għemil tiegħu meta unilateralment ħa l-liġi b'idejh u mingħajr il-kunsens tas-suċċessuri tan-Nutar Hayman u mingħajr ma nforma lill-Bank bil-mewt tan-Nutar ġibed l-ammont ta' Lm40,500 *per vie di fatto* minflok *per vie di diritto*.

**28.** Inoltre, anki kieku si trattava ta' obbligu kontrattwali, sabiex jiffigura l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll id-detenzjoni trid tkun ġiet ordnata unikament għall-inkapaċita` tal-persuna li twettaq dak l-obbligu tagħha. Fil-każ odjern d-detenzjoni ġiet ordnata minħabba li Mugliett ma kienx ikkonforma ruħu mal-ordni tal-Qorti sabiex jirripristina l-istat ta' legalita` minnu arbitrarjament disturbat u ċertament mhux "unikament minħabba fl-inkapaċita` tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali" (sottolinear tal-Qorti), kieku kien involut xi tali obbligu. Jista' jiżdied ukoll li ma nġiebet ebda prova li Mugliett kien f'xi sitwazzjoni ta' inkapaċita` li jwettaq xi obbligu kontrattwali tiegħu anki kieku si trattava ta' tali obbligu[2]. Dak li jirriżulta hu li Mugliett ripetutament u volutament

[2] Ara *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*, van Dijk u van Hoof, 3rd Edition, Kluwer Law International, p. 666; ara wkoll Kumm Dec Adm Appl No 34399/97 **Christakis v. Cyprus**, 21 Mejju 1997 The Law # 1; ECHR **Goktan v. France**, 2 Lulju 2002, # 51; ECHR **Gatt v. Malta**, 27 Lulju 2010 # 39

sempliċement irrifjuta jikkonforma ruħu mal-ordni tal-Qorti għaliex ma kienx jaqbel ma' dak l-ordni.

**29.** Fit-tieni lok jidher li l-ewwel Qorti inkwadrat il-fattispeċi tad-detenzjoni f'dan il-każ kemm taħt l-Artikolu 5(1)(a) kif ukoll taħt l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni u dan għaliex l-applikabilita` ta' xi paragrafu tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ma jeskludix l-applikabilita` ta' xi paragrafu ieħor tal-istess Artikolu 5(1)[3]. Jidher ukoll li l-ewwel Qorti qieset il-kunsiderazzjonijiet tagħha li dwarhom jilmenta l-appellant Avukat Ġenerali ugwalment applikabbli fir-rigward taż-żewġ paragrafi msemmija, li jista' jkun diskutibbli. Jekk il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma kinux ugwalment applikabbli għal detenzjoni skont il-paragrafu (a) tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 5 allura seta' kien il-każ li din il-Qorti kien ikollha teżamina jekk id-detenzjoni, għalkemm mhux leġittima taħt il-paragrafu (b) setgħetx xorta waħda kienet leġittima taħt il-paragrafu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni. L-appellant Avukat Ġenerali, iżda, ma ssolleva ebda aggravju f'dan ir-rigward u għalhekk din il-Qorti ma hix ser teżamina dan l-aspett tal-kwistjoni.

**30.** L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa intiż sabiex iħares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont l-Artikolu 5 dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-Artikolu 5 u ċioe` li jħares lill-individwu mill-arbitrarjeta`. Ordni ta' detenzjoni magħmul b'ordni ta' qorti huwa fil-prinċipju wiehed legali[4]. Fil-każ odjern l-ordni ta' detenzjoni tal-Qorti saret konformement ma' dak provdut fl-Artikolu 154 u 1003A tal-Kap. 12 u għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-ordni ta' detenzjoni li ingħata mill-Qorti kien wieħed skont il-liġi. B'danakollu n-nuqqas ta' arbitrarjeta` jiddetta wkoll li jrid jinżamm bilanċ bejn l-għan peresegwit, u ċioe` l-importanza f'soċjeta` demokratika li jiġi assigurat li l-ordinijet skont il-liġi ta' qorti

---

[3] Ara ECHR **Eriksen v. Norway**, 27 Mejju 1997, #76; ECHR **Enhorn v. Sweden**, 25 Jannar 2005, #34, ECHR **Gatt v. Malta**, 27 Lulju 2010 # 35

[4] ECHR **Benham v. UK**, 10 Ġunju 1996, # 40 u # 42; ECHR **Gatt v. Malta**, 27 Lulju 2010, #40

jiġu osservati, u l-importanza tad-dritt għall-liberta`[5]. L-ewwel Qorti rriteniet li dan il-bilanċ ma nżammx meta l-intimat Edmond Espedito Mugliett ġie kundannat għal perjodu ta' priġunerija għaliex ma kkonformax mal-ordni tal-Qorti mingħajr mal-qrati aditi eżaminaw jekk id-detenzjoni kinitx neċessarja billi qabel jistabilixxu kienx hemm alternattivi oħra disponibbli sabiex l-ordni tal-Qorti jiġi esegwit.

**31.** L-appellant Avukat Ġenerali jidher li jaqbel ma' dak ritenut fis-sentenza appellata li, sabiex id-detenzjoni inkwistjoni tkun leġittima, kien meħtieġ li jirriżulta li ma kienx hemm alternattiva oħra sabiex l-ordni tal-Qorti jiġi esegwit. Di fatti l-uniku aggravju li jissolleva l-Avukat Ġenerali jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tiegħu l-mezzi esekuttivi maħsuba fl-Artikoli 252 *et. seq* tal-Kap. 12 huma ineffikaċi fil-każ odjern u li għalhekk il-Qrati Ċivili ma kellhomx alternattiva oħra ħlief li jordnaw id-detenzjoni ta' Mugliett.

**32.** Dak li qiegħed jittraskura l-Avukat Ġenerali huwa l-fatt li fl-1 ta' Jannar, 2009, u ċioe` qabel ir-rikors tat-23 ta' Lulju 2009 li bih il-Qorti ntalbet tikkundanna lil Mugliett għal disprezz lejn l-awtorita` tagħha, daħal in vigore l-Artikolu 388Ġ tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe`, il-mandat *in procinctu* li hu preċiżament intiż sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li jkun hemm fis-sentenza u dan wara li l-Qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandu ebda mezz ta' eżekuzzjoni ieħor. Għalhekk meta nbdew il-proċeduri għal disprezz, anki jekk ma kienux disponibbli l-mandati esekuttivi l-oħra għar-raġunijiet msemmija mill-Avukat Ġenerali, ċertament kien disponibbli l-mandat *in proċinctu* li jidher li kien mfassal proprju għall-każ ta' ordni tal-Qorti tat-tip li tat fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ġunju 2006 konfermat fl-appell fis-27 ta' Ġunju 2008. Di fatti, eventwalment, fit-3 ta' April 2009, il-Qorti kienet ħarġet il-mandat *in procinctu* mitlub u ordnat il-bejgħ bis-subasta tal-fond "The Rose Cottage", Triq Karm Galea, Birkirkara,

[5] ECHR Dec Adm, **Paradis u oħrajn v. Germany**, 4 Settembru 2007; ECHR **Gatt v. Malta** *ibid*

sabiex mir-rikavat tal-bejgħ tkun tista' tiġi esegwita l-ordni mogħti mill-Qorti fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ġunju 2006

**33.** Il-proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta msemmi jidher li għadhom pendenti u qiegħdin jieħdu l-kors tagħhom u għalhekk ma hemm xejn x'juri li l-użu tal-mandat *in procinctu* ma hux effikaċi sabiex permezz tiegħu jiġi esegwit l-ordni mogħti mill-Qorti fis-sentenza tagħha tat- 2 ta' Ġunju 2006 u konfermat fl-appell.

**34.** Għalhekk, meta ingħataw is-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ġunju 2010 u fis-6 ta' Diċembru 2010 rispettivament kien effettivament jeżisti l-mandat *in proċinctu* li jidher li hu mezz idoneu li bih seta' jintlaħaq l-għan persegwit bl-ordni ta' detenzjoni. Għaldaqstant ir-rekwiżit ta' bilanċ bejn l-importanza f'soċjeta` demokratika li jiġi assigurat li l-ordnijiet skont il-liġi ta' Qorti jiġu osservati u l-importanza tad-dritt għal-liberta` ma ġiex imħares meta ġiet ordnata d-detenzjoni ta' Edmond Espedito Mugliett.

**35.** Għall-motivi premessi, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jiġi respint u l-appell tiegħu ser jiġi miċhud.

*L-appell inċidentali ta' Edmond Espedito Mugliett*

**36.** Il-Qorti ser issa tikkunsidra l-appell inċidentali tar-rikorrent Edmond Espedito Mugliett.

**37. Fl-ewwel aggravju** tiegħu l-intimat appellant Mugliett jilmenta li l-ewwel Qorti messha sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u dan għal diversi raġunijiet. L-ewwel raġuni li jagħti l-appellant Mugliett hi li l-liġi li tagħha Mugliett instab ħati li kiser ma hijiex prevedibbli kif għandha tkun liġi penali sabiex tikkonforma mal-Artikolu 7 imsemmi. Dan għaliex l-Artikolu 997(1) tal-Kap. 16 hu redatt b'mod ġeneriku wisq u ma hemm ebda ġurisprudenza fis-sens li n-nuqqas ta' osservanza ta' sentenza li wieħed jippresta somma ta' flus tikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

**38.** Inkwantu għall-applikabilita` tal-Artikolu 7 għall-fattispeċi inkwistjoni l-intimat Avukat Ġenerali ma ssolleva

ebda aggravju dwar l-applikabilita` tal-istess għall-Artikolu 997 tal-Kap. 16 u din il-Qorti hi wkoll sodisfatta li għall-finijiet tal-Artikolu 7 imsemmi l-fatti speċi ta' dan il-każ jinkwadraw fil-parametri tal-istess Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li għalhekk hu applikabbli għall-istess fatti. Minkejja li l-Artikolu 997 jinsab fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u d-diżubbidjenza għall-ordni emersa minn Qorti Ċivili ġieli ġie ritenut mill-ġurisprudenza bħala *"civil contempt"*[6] bdanakollu tenut kont tal-fatt li l-proċedura għal disprezz ġiet kostantement kunsidrata mill-qrati Maltin bħala ta' indoli penali[7] u anki in vista tas-sanzjonijiet definittivament ta' natura penali maħsuba fil-liġi għal tali disprezz din il-Qorti ma għandha ebda eżitazzjoni li tirritjeni d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti "reat kriminali" fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li għalhekk hu applikabbli għall-każ odjern kif ingħad.

**39.** Stabbilit l-applikabilita` tal-Artikolu 7 għall-każ odjern jonqos jiġi eżaminat jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-istess artikolu.

**40.** Huwa minnu li l-Artikolu 7 jirrikjedi li kull liġi penali għandha tikkonforma mar-rekwiżit ta' prevedibilita`[8] fis-sens li l-liġi penali għandha tkun redatta b'mod li persuna tkun tista' tipprevedi li l-għemil tagħha ser iwassalha biex tivvjola l-liġi penali u b'hekk tiġbed fuqha s-sanzjonijiet penali previsti mil-liġi. Iżda dan ma jfissirx li l-liġi penali ma tistax tirrikorri għal kategoriji ġeneriċi flok għal listi eżawrenti ta' għemil projbit u huwa ben rikonoxxut li ħafna liġijiet huma redatti f'termini li jistgħu jitqiesu ftit jew wisq vagi fejn l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi tkun tiddependi mill-prattika[9]. Din it-teknika ta' redazzjoni ta'

---

[6] PA: **Oliver Agius noe v. Joseph Gatt**, 9 Diċembru 2002

[7] Ara fost oħrajn App Kumm, **Catherine Portelli v. Joseph Cachia et**, 28 Jannar 1991, LXXV.ii.526; PA **Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Lygia sive Luigia Saliba**, 7 Mejju 2001; PA **Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Anna Mizzi**, 12 Diċembru 2001; PA **Francis Napier v. Emanuel Galea**, 27 Ġunju 2002; PA **Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Adrian Grima pro et noe**, 25 Settembru 2003;

[8] ECHR **Kokkinakis v. Greece**, 25 Mejju 1993, #52; ECHR **S.W. v. U.K.**, 22 Novembru 1995, # 35; ECHR **Cantoni v. France**, 15 Novembru 1996, #29; ECHR Dec **Adm O'Carroll v. U.K.** 15 Marzu 2005

[9] ECHR **Cantoni v. France**, 15 Novembru 1996, #31-32.

strumenti leġislattivi ġiet meqjusa mill-Qorti Ewropeja bħala konformi mal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni[10].

**41.** Ir-rikorrent Mugliett isostni li fejn id-dispożizzjoni legali tkun waħda ġenerika din tista' titqies prevedibbli biss jekk tkun "teżisti sensiela ta' każistika nazzjonali (li) tistabilixxi l-elementi li jinkorpora r-reat". Kieku kellu jkun hekk allura kull dispożizzjoni legali ta' natura "ġenerika" tkun għal kollox inutili għaliex qabel ma ssir tali dispożizzjoni qatt ma jista' jkun hemm sensiela ta' każistika li tinterpretaha u kull sentenza li tinterpreta u tapplika dik id-dispożizzjoni legali wara li tkun saret tkun għalhekk, skont ir-rikorrent Mugliett, in vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Mentri kif ġia` ingħad dan ma hux il-każ.

**42.** Tant ma hux kif qiegħed jippretendi r-rikorrent Mugliett li l-Qorti Ewropeja ma sabet ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni meta sentenzi tal-Qrati Ingliżi kkapovolġew l-interpretazzjoni kostanti preċedenti tal-istess Qrati mogħtija f'sensiela twila ta' sentenzi fis-sens li l-konġunġiment sesswali tar-raġel ma' martu kontra l-kunsens tagħha ma kienx jammonta għal stupru u bdew jirritjenu proprju l-oppost, u ċioe` li tali għemil, skont l-interpretazzjoni ġdida tal-istess liġi, kien fil-fatt kriminalizzat taħt l-istess liġi penali u kien jammonta għal stupru[11]. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti Ewropeja, minkejja l-interpretazzjoni preċedenti għal kollox kuntrarja xorta kkonkludiet li l-interpretazzjoni opposta li ngħatat kienet timmarka mument prevedibbli fl-evoluzzjoni tal-interpretazzjoni tal-liġi penali u ma rriskontrat ebda applikazzjoni retroattiva ta' liġi penali.

**43.** Fil-każ odjern si tratta ta' ordni li ngħatat mill-Qorti f'sentenza definittiva tagħha. Ma hemm ebda dubbju li kien faċilment prevedibbli li n-nuqqas ta' persuna li tobdi ordni tal-Qorti kien jammonta għal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Dan kien mhux biss prevedibbli iżda kien ilu li ġie stabbilit mill-qrati tagħna li kull tfixkil tal-esekuzzjoni tal-ordnijiet tal-Qorti u kull ksur ta' kull ordni tal-Qorti

[10] Ara każijiet *supra*. Ara wkoll QKost **Concetta Decelis et. v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern**, 2 Mejju 2011; **Il-Pulizija v. Frank Cachia et.**, 25 Mejju 2012;
[11] ECHR **S.W. v. U.K.**, 22 Novembru 1995; ECHR **C.R. v. U.K.** 22 Novembru 1995

jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` tagħha[12]. Ma hemm ebda htieġa tal-iċken sforz biex wieħed jifhem li dan hu hekk. Anki ksur ta’ ordni mogħti f’sentenza li għaddiet in ġudikat ġie ritenut li jammonta għal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti[13]. Il-fatt li seta’ kien il-każ li ma kien hemm ebda każ ta’ disprezz “fil-konfront ta’ sentenza li wieħed jippresta somma ta’ flus” ma jibdilx il-pożizzjoni għaliex il-fatt jibqa’ li ordni mogħti f’sentenza sabiex persuna tiddepożita mill-ġdid f’kont bankarju somma ta’ flus li kienet rtirata minnu kontra l-liġi tibqa’ ordni ta’ Qorti u kif ingħad id-diżubiddjenza għal ordni ta’ Qorti ġiet kostantement ritenuta disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u għalhekk kien faċilment u raġonevolment prevedibbli mir-rikorrent Mugliett li bin-nuqqas tiegħu li jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti l-istess Mugliett kien qiegħed jesponi ruħu għal proċeduri għal disprezz u għas-sanzjonijiet konsegwenzjali tali disprezz.

**44.** Għar-raġunijiet premessi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**45. It-tieni aggravju** jirrigwarda n-nuqqas ta’ sejbien da parti tal-ewwel Qorti ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni.

**46.** Illi l-kwistjoni sollevata f’dan l-aggravju kellu neċessarjament jiġi kunsidrat fil-kors tal-kunsiderazzjonijiet li kellha tagħmel din il-Qorti meta kienet qed tikkunsidra l-appell prinċipali tal-Avukat Ġenerali u din il-Qorti ġia` sabet li l-fattispeċi ta’ dan il-każ ma jinkwadrawx fid-divjet provdut fl-Artikolu 1 tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni[14]. Din il-Qorti ma għandhiex xi żżid ma’ dak li ingħad aktar qabel f’din is-sentenza f’dan

---

[12] Ara fost oħrajn PA **Alfonso Maria Galea noe v. Antonio Formosa**, 14 Marzu 1936, XXIX.ii.1023; App **Il-Qorti v. Paul Debono**, 24 Ottubru 1984; App **Edward Camilleri noe v. Carmelo Vella**, 7 Ottubru 1997; App **Concetta Dimech v. Joseph Bonnici**, 9 Frar 2001; PA **Registratur tal-Qorti Superjuri v. Lygia sive Luigia Saliba**, 7 Mejju 2001; PA **Dr Louis Vella pro et noe v. Joseph Gatt**, 29 Mejju 2001; PA **Registratur tal-Qorti v. Anna Mizzi**, 12 Diċembru 2001; PA **Registratur tal-Qorti v. Carmelo sive Charles Ellul**, 30 Jannar 2003; PA **Registratur tal-Qorti Superjuri v. Francis Bugeja**, 28 Frar 2003

[13] PA **Francis Napier v. Emanuel Galea**, 27 Ġunju 2002

[14] Ara para. 24 u 25 supra.

ir-rigward u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi respint ukoll.

**47.** **It-tielet aggravju** jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent Mugliett jilmenta li d-diskriminazzjoni kontra tiegħu tikkonsisti filli l-ħtija għad-disprezz ġiet msejsa fuq l-assunzjoni żbaljata li s-sentenza ċivili għall-ħlas ma kinitx kundanna "*di dare*" iżda "*di fare*" u dan meta qatt qabel ma ħadd intbagħat il-ħabs għax ma ottemprax, volontarjament jew involontarjament, ma' ordni jew sentenza pekunarja ċivili.

**48.** Din il-Qorti ma għandhiex il-funzjoni li tara' jekk il-Qorti kienetx korretta jew żbaljata meta fl-apprezzament tagħha tal-fatti u tal-liġi ċivili ordinarja inkwadrat il-fatti tal-kawża quddiemha bħala każ ta' kundanna *di dare* u mhux *di fare* għaliex din il-Qorti ma għandhiex funzjoni ta' Qorti tat-tielet grad minn sentenzi tal-Qrati Ċivili.

**49.** Inoltre, jkun hemm diskriminazzjoni meta jiġu trattati diversament, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli, persuni f'sitwazzjonijiet sostanzjalment simili[15]. Ir-rikorrent Mugliett ma għamel ebda prova li kien hemm persuna fl-istess pożizzjoni jew pożizzjoni sostanzjalment simili għal dik tiegħu li ingħatat trattament differenti minnu mingħajr raġuni oġġettiva li tiġġustifika dak it-trattament divers. Ma saret ebda prova mir-rikorrent Mugliett ta' xi każ ieħor identiku jew bħal tiegħu fejn persuna volontarjament jew involontarjament ma ottempratx ma' ordni jew sentenza pekunarja ċivili, ittieħdu proċeduri kontra tagħha għal disprezz u ma nstabitx ħatja ta' disprezz u ma ġietx kundannata għal piena pekunarja u/jew karċerarja bħal ma ġara fil-każ tiegħu.

**50.** Fi kwalunkwe każ, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma qed tiġi allegata ebda diskriminazzjoni għal xi mottiv ta' *status* kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu

---

[15] Ara *inter alia* QKost **Vassallo et v. Kummissarju tal-Pulizija**, 16 Awwissu 1976, QKost **Dr. Victor Sultana v. Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** 31 Mejju 1999, ECHR **Spadea u Scalabrino v. Italy**, 28 ta' Settembru 1995

14 tal-Konvenzjoni. Mhux kull trattament divers iwassal għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi iżda biex tiġi ravviżata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wieħed mill-i*status* elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi ġeneru ta' *status* iehor[16].

**51.** Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll.

**52. Ir-raba' aggravju** jilmenta dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6. Fl-appell inċidentali tiegħu ir-rikorrent Mugliett isostni li meta r-regoli tal-*prima facie* ta' proċess kawtelatorju jiġu applikati fi proċess petitorju jkun hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Ir-rikorrent Mugliett isostni li s-sentenza li ordnatlu jiddepożita mill-ġdid fil-kont bankarju l-ammont minnu rtirat kienet effettivament waħda kawtelatorja u mingħajr preġudizzju għall-proċess ta' determinazzjoni ta' min huwa kreditur jew proprjetarju tas-somma flus inkwistjoni.

**53.** Għandu qabel xejn jingħad li l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont ir-rikors promotorju tal-ġudizzju tar-rikorrent Mugliett u kif impostata quddiem l-ewwel Qorti kienet imsejjsa fuq raġunijiet għal kollox differenti minn dawk li issa qiegħed jilmenta minnhom ir-rikorrent Mugliett f'dan l-aggravju. Ir-raġunijiet miġjuba f'dan l-aggravju ma jiffiguraw xejn quddiem l-ewwel Qorti, anqas fit-trattazzjoni orali li tinsab traskritta fil-proċess[17]. Dan kien ikun biżżejjed sabiex din il-Qorti tirrespinġi dan l-aggravju peress li inkwantu Qorti ta' reviżjoni din il-Qorti ma għandhiex tikkunsidra aggravji li ma ġewx, tal-anqas fis-sustanza tagħhom, ventilati quddiem l-ewwel Qorti. Jista' jiżdied, iżda, li dak allegat f'dan l-aggravju anqas ġie pruvat peress li minn imkien ma jirriżulta li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'xi stadju applikat xi grad ta' *prima facie* ta' proċess kawtelatorju fi proċess petitorju u anqas jirriżulta li s-sentenza li ordnatlu jiddepożita mill-ġdid fil-kont bankarju l-ammont minnu rtirat kienet effettivament waħda kawtelatorja.

---

[16] Ara Kaz Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v Denmark, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz Carson u Ohrajn v UK § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Q Kost Enrietta Bianchi et v Avukat Ġenerali et , 24 Ġunju 2001.

[17] Fol. 19-33 tal-proċess tal-ewwel istanza

**54.** Dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

**55.** Fil-**ħames u l-aħħar aggravju** tiegħu jidher li r-rikorrent qiegħed issostni li għall-istess raġunijiet li sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 5 l-ewwel Qorti messha sabet ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 6 abbinat mal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ssib dan l-aggravju għal kollox infondat peress illi fl-ewwel lok ġia` ġie ritenut f'din is-sentenza li l-fattispeċi ta' dan il-każ ma jinkwadraw xejn fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni u għalhekk ma tistax tinstab vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll imsemmi. Inoltre sottomissjoni bħal din qatt ma saret quddiem l-ewwel Qorti iżda saret l-ewwel darba f'din l-istanza u għalhekk din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju bħala Qorti ta' reviżjoni tieħu konjizzjoni tagħha. Inoltre, l-argumenti sollevati f'dan l-aggravju ġia` ġew għal kollox indirizzati fil-kunsiderazzjoni tal-aggravji l-oħra tar-rikorrent Mugliett u fis-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni liema parti tas-sentenza appellata ser tiġi konfermata minn din il-Qorti. Għalhekk ma hemm ebda aspett ġdid x'jiġi kunsidrat taħt dan l-aggravju.

**56.** Għar-raġunijiet msemmija dan l-aħħar aggravju wkoll qiegħed jiġi respint u peress li ġew respinti l-aggravji kollha tar-rikorrent Edmond Espedito Mugliett l-appell inċidentali tiegħu ser jiġi miċħud.

**Deċide**

Għall-motivi premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tal-Avukat Ġenerali u mill-appell inċidentali tar-rikorrent Edmond sive Espedito Mugliett billi tiċħadhom it-tnejn bl-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-Avukat Ġenerali jkunu a karigu tiegħu waqt li dawk tal-appell inċidentali ta' Edmond Espedito Mugliett ikunu a karigu tal-istess rikorrent Mugliett.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------